



Brussell, 1 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

16046/25

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0223 (COD)**

---

---

**LIMITE**

**PROCIV 170  
IPCR 93  
POLMIL 385  
SAN 782  
COCON 76  
JAI 1821**

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport ta' progress tal-Presidenza dwar il-proposta għal Regolament dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-appoġġ tal-Unjoni għall-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa

---

Dan ir-rapport jippreżenta l-ħidma li saret s'issa fil-korp preparatorju rilevanti tal-Kunsill u jiddeskrivi s-sitwazzjoni attwali fl-eżami tal-proposta msemmija hawn fuq taħt il-Presidenza Daniża. Ir-rapport tfassal taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenza u tħejja bil-ħsieb tal-Kunsill tal-Ministri għall-Affarijiet Interni tat-8 ta' Diċembru 2025.

Il-Kunsill ser jiġi mistieden jieħu nota tar-rapport.

# **Rapport ta' progress tal-Presidenza dwar il-proposta għal Regolament dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-appoġġ tal-Unjoni għall-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa**

Ir-rapport attwali jippreżenta l-ħidma li twettqet s'issa fil-korp preparatorju rilevanti tal-Kunsill u jiddeskrivi s-sitwazzjoni attwali fl-eżami tal-proposta msemmija hawn fuq taħt il-Presidenza Daniża. Ir-rapport tfassal taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenza u tħejja bil-ħsieb tal-Kunsill tal-Ministri għall-Affarijiet Interni tat-8 ta' Diċembru 2025.

Il-Kunsill ser jiġi mistieden jieħu nota tar-rapport.

## **I. INTRODUZZJONI**

1. Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-appoġġ tal-Unjoni għall-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa, u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (il- "proposta UCPM-HER")<sup>1</sup>. Il-proposta UCPM-HER hija waħda mill-inizjattivi settorjali fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ("QFP") proposti għall-perjodu 2028-2034 u tinkludi pakkett finanzjarju propost li jammonta għal EUR 10.7 biljun fi prezzijiet attwali.
2. Ir-reviżjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (il-"UCPM")<sup>2</sup> kienet waħda mit-30 azzjoni ewlenija mħabbra fl-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza, adottata mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli fis-26 ta' Marzu 2025 bl-għan li tappoġġa lill-Istati Membri u ssaħħaħ il-kapaċità tal-Ewropa li ttiprevjeni u tirrispondi għal theddid emerġenti.
3. Is-suġġett tal-proposta UCPM-HER, abbażi tal-Artikoli 168(5), 196 u 322(1), il-punt (a) TFUE, huwa kemm li jiġi previst Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (il-"Mekkaniżmu tal-Unjoni") kif ukoll li jiġi stabbilit appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għall-protezzjoni ċivili u l-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa.
4. Il-proposta UCPM-HER tirrappreżenta espansjoni tad-Deċiżjoni 2013/1313/UE. Tintroduċi diversi innovazzjonijiet meta mqabbel mal-qafas attwali. Pereżempju, il-proposta tintegra l-finanzjament tal-protezzjoni ċivili ma' dak għall-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi

---

<sup>1</sup> Dokumenti 11689 2025+ADD1.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.

tas-saħħa fregolament uniku. Dan l-approċċ, fost l-oħrajn, għandu l-għan li jagħti kontinwità lill-komponenti tal-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa tal-Programm EU4Health, li huwa mistenni jiskadi fi tmiem l-2027. Barra minn hekk, fit-titolu tagħha dwar il-protezzjoni ċivili u l-funzjonament tal-UCPM, il-proposta tintroduċi azzjoni ġdida fil-livell tal-Unjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju, kif ukoll modifiki għar-rescEU u għan-Network ta' Għarfien. Fl-aħħar nett, il-proposta tissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' saff ġdid ta' koordinazzjoni transsettorjali tal-kriżijiet u miżuri biex jissaħħu t-tnejn u l-kooperazzjoni ċivili-militari. Dan jinkludi l-proposta għall-istabbiliment ta' Ċentru għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet ġdid li jibni fuq l-istruttura u l-kapaċitajiet ta' Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC) eżistenti tal-Kummissjoni stabbilit skont id-Deċiżjoni 2013/1313/UE. Il-proposta tipprevedi wkoll il-possibbiltà li jingħata appoġġ finanzjarju għal kriżijiet transsettorjali taħt ċerti kundizzjonijiet.

5. Minħabba l-bażijiet legali proposti, il-proposta UCPM-HER hija eżaminata skont il-proċedura leġislattiva ordinarja (2025/0223/COD). Fil-Parlament Ewropew, żewġ kumitati għandhom responsabbiltà konġunta għall-proposta - il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-Kumitat għas-Saħħa Pubblika. Erba' kumitati ser joħorġu opinjonijiet – dawk għas-Sigurtà u d-Difiża, l-Iżvilupp, il-Kontroll tal-Baġit, u l-Iżvilupp Reġjonali. Ser titwettaq valutazzjoni baġitarja mill-Kumitat għall-Baġits.
6. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għadhom ma adottawx opinjonijiet.
7. Il-proposta UCPM-HER ġiet diskussa matul il-Kunsill tal-Ministri tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tat-13-14 ta' Ottubru 2025, abbażi ta' dokument ta' orjentazzjoni tal-Presidenza.<sup>3</sup> Il-ministri kellhom dibattitu ta' orjentazzjoni, f'sessjoni pubblika, dwar il-proposta. Huma ħadu nota tal-oġġettivi ewlenin u l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta u kellhom skambju ta' fehmiet dwar l-oġġettivi ġenerali tal-proposta UCPM-HER li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Ewropa biex tippreveni u tirrispondi għal diżastri u kriżijiet futuri abbażi ta' approċċ li jkopri l-perikli kollha. Xi Ministri enfasizzaw elementi pożittivi, fl-istess ħin oħrajn esprimew ċertu tħassib.

## **II. ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL**

8. Fil-Kunsill, l-eżami tal-proposta UCPM-HER jitwettaq fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni Ċivili (PROCIV) bħala l-korp preparatorju ewlieni. Il-Grupp ta' Ħidma PROCIV

---

<sup>3</sup> 13406/1/25 REV 1.

huwa l-korp preparatorju ewlieni tal-Kunsill rigward il-protezzjoni ċivili u kien responsabbli għall-eżami ta' fajls dwar l-UCPM, inkluż id-Deċizzjoni 1313/2013/UE. Meta l-proposta UCPM-HER ġiet diskussa fil-Grupp ta' Ħidma PROCIV, il-Presidenza saħħet id-diskussjoni billi stiednet delegati minn Gruppi ta' Ħidma rilevanti oħra jieħdu sehem fl-eżami meta jkun meħtieġ. Dan hu spjegat aktar hawn taħt.

9. Taħt il-Presidenza Daniża, il-proposta UCPM-HER s'issa ġiet eżaminata f'disa' laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma PROCIV (18 ta' Lulju; 1, 8-9, 17 u 25 ta' Settembru; 6, 20 u 30 ta' Ottubru; 10 ta' Novembru). Barra minn hekk, żewġ laqgħat oħra tal-Grupp ta' Ħidma PROCIV huma previsti f'Diċembru (waħda fl-1-2 ta' Diċembru u oħra qabel tmiem Diċembru).
10. Rigward l-elementi tal-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa fil-proposta UCPM-HER, il-Presidenza stiednet lid-delegati tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika jattendu l-punti ta' diskussjoni rilevanti fil-Grupp ta' Ħidma PROCIV fit-18 ta' Lulju, l-1 u t-8 ta' Settembru u t-30 ta' Ottubru. Barra minn hekk, fid-dawl tal-elementi transsettorjali ta' koordinazzjoni tal-kriżijiet fil-proposta, il-Presidenza stiednet lid-delegati tal-Grupp ta' Ħidma Ad hoc dwar il-preparatezza, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri għall-punti kollha tal-Grupp ta' Ħidma PROCIV li jiddiskutu l-proposta UCPM-HER.
11. Bil-ħsieb li dan il-fajl ikun parti mill-QFP propost għall-2028-2034, il-Presidenza tagħti importanza kbira lill-iżgurar ta' appoġġ finanzjarju kontinwu tal-Unjoni kemm għall-protezzjoni ċivili kif ukoll għall-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa. Il-proposta tikkostitwixxi wkoll pass importanti lejn l-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2025, fejn il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-preparatezza "jafferma mill-ġdid l-importanza u l-urġenza ta' din il-kwistjoni u jħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu r-reżiljenza, il-preparatezza u l-kapaċità ta' prevenzjoni u rispons għall-kriżijiet tagħhom b'mod koerenti, b'approċċ li jkopri l-perikli kollha u min-naħa tas-soċjetà kollha, b'kont meħud tax-xenarju tar-riskju u tat-theddid li qed jevolvu. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jkomplu jaħdmu fuq il-kontribut tal-politiki tal-UE għar-reżiljenza u t-tħejjija fl-oqsma rilevanti, inkluż ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, filwaqt li jirrispettaw ir-responsabbiltajiet u l-kompetenzi tal-Istati Membri. Huwa jfakkar fl-ispeċifiċitajiet ta' tipi differenti ta' kriżijiet u r-responsabbiltà ewlenija tal-Istati Membri fil-ġestjoni ta' kriżijiet bħal dawn. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill jipprovdi gwida lill-Kummissjoni biex tikkunsidra titjib fl-appoġġ ipprovdut mill-Unjoni Ewropea lill-Istati Membri fil-protezzjoni ċivili, kif ukoll f'oqsma ta' politika rilevanti oħra fejn l-appoġġ tal-UE jipprovdi valur miżjud ċar."

12. Bejn l-1 ta' Settembru u s-6 ta' Ottubru, il-Presidenza mexxiet qari bir-reqqa tal-proposta, filwaqt li stiednet lill-Kummissjoni tagħti preżentazzjonijiet artikolu b'artikolu u lill-Istati Membri jikkummentaw u jippreżentaw mistoqsijiet lill-Kummissjoni u, fejn rilevanti, lis-Servizz Legali tal-Kunsill. Minn hemm 'il quddiem, il-Presidenza ġabret għadd parzjali ta' artikoli u premissi korrispondenti fi tliet raggruppamenti separati u stiednet lill-Istati Membri jippreżentaw suġġerimenti u kummenti ta' abbozzar qabel il-laqgħat organizzati fl-20 ta' Ottubru (Raggruppament 1 – Artikoli 17-22), fit-30 ta' Ottubru (Raggruppament 2 – Kamp ta' Applikazzjoni, Objettivi, Komitoloġija u Dimensjoni tas-Saħħa), u fl-1-2 ta' Diċembru (Raggruppament 3 – Ċentru għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet u Appoġġ għal kriżijiet transsettorjali). Barra minn hekk, il-Presidenza laqgħet l-iskambji miftuħa dwar partijiet oħra tal-proposta fl-20 ta' Ottubru u l-10 ta' Novembru, u stiednet lill-Kummissjoni tippreżenta fid-dettall l-istabbiliment propost ta' Ċentru għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet u appoġġ għal kriżijiet transsettorjali fit-30 ta' Ottubru u l-10 ta' Novembru.
13. Barra minn hekk, sabiex jiġi pprovdut kuntest rilevanti għad-diskussjonijiet dwar il-proposta UCPM-HER, il-Presidenza stiednet lill-Kummissjoni tippreżenta r-Rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja l-proposta fl-1 ta' Settembru u l-istruttura ġenerali u l-elementi ta' preparatezza u ta' reżiljenza tal-QFP propost fis-17 ta' Settembru, kif ukoll lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jippreżenta l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR) fl-10 ta' Novembru.
14. Abbażi tal-kummenti li waslu mingħand l-Istati Membri, il-Presidenza Daniża ħarġet żewġ kompromessi parzjali dwar il-proposta għal Regolament UCPM-HER, fil-31 ta' Ottubru (Raggruppament 1) u fil-21 ta' Novembru (Raggruppament 2). Dawn il-kompromessi parzjali għandhom l-għan li jsibu bażi komuni fil-maġġoranza tal-Istati Membri u joffru test ibbilanċjat u sod li jilħaq l-objettivi tar-Regolament. Il-Presidenza ppreżentat kompromess parzjali għar-Raggruppament 1 matul il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma PROCIV fl-10 ta' Ottubru u ser tippreżenta kompromess parzjali għar-Raggruppament 2 matul il-laqgħa skedata fl-1-2 ta' Diċembru.
15. Il-Presidenza qed tippjana li tippreżenta kompromess parzjali għar-Raggruppament 3 fi Grupp ta' Ħidma PROCIV f'nofs Diċembru.
16. Fil-kompromessi parzjali tal-Presidenza, il-Presidenza fittxet li ttiprovdi aktar ċarezza għat-test biex tiżgura li r-Regolament UCPM-HER ikun konformi mal-istandards legali stabbiliti tal-UE u biex tiċċara l-ambigwitajiet. Għalhekk, il-Presidenza pproponiet rabta aktar ċara bejn (1) il-finanzjament tal-Unjoni, (2) l-objettivi ta' dan il-finanzjament u (3) l-azzjonijiet eliġibbli li għandhom aċċess għal dan il-finanzjament. Kien importanti wkoll li l-Presidenza tirrifletti

fil-kompromessi parzjali l-ħafna talbiet mill-Istati Membri biex huma u l-Kunsill ikollhom rwol ċentrali fil-governanza prevista fir-Regolament UCPM-HER, u biex it-test jirrispetta l-kompetenzi nazzjonali primarji fl-oqsma tal-protezzjoni ċivili, is-sigurtà nazzjonali u d-difiża, peress li l-Istati Membri għamlu ħafna Proposti f'dan ir-rigward. B'mod partikolari, il-Presidenza pproponiet ir-rekwiżit għan-Network tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili, li jingħata pariri minn Bord magħmul minn Stati Membri, f'konformità mal-governanza attwali tan-Network. Barra minn hekk, il-Presidenza pproponiet l-introduzzjoni ta' pjan strateġiku għall-iżvilupp fuq terminu medju sa twil tar-rescEU. Fit-test ta' kompromess parzjali tal-Presidenza, il-pjan għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni bl-involvement tal-Istati Membri, bis-saħħa tal-komitoloġija permezz tal-adozzjoni ta' att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami. Dan jiżgura aktar trasparenza u influwenza għall-Istati Membri b'rabta mal-iżvilupp futur tar-rescEU. Fl-aħħar nett, il-Presidenza pproponiet li l-Programmi ta' Ħidma għall-finanzjament tal-Unjoni għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati, f'konformità mal-proċedura ta' eżami, biex tiġi żgurata l-influwenza tal-Istati Membri fuq il-baġits annwali tar-Regolament u biex tiġi riflessa l-proċedura attwali fid-Deċiżjoni 1313/2013/UE.

### **III. KONKLUŻJONIJIET**

17. Il-Presidenza tesprimi l-apprezzament sinċier tagħha għall-impenn tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni matul l-eżami tal-proposta UCPM-HER. Barra minn hekk, il-Presidenza tirrikonoxxi l-isforzi importanti li saru mid-delegazzjonijiet tal-Istati Membri biex jikkoordinaw mal-awtoritajiet rilevanti fil-livell nazzjonali (speċjalment il-protezzjoni ċivili, is-saħħa, il-militar, ir-reżiljenza eċċ.).
18. Il-Presidenza hija konvinta li t-tħassib espress mill-Istati Membri jista' jiġi indirizzat, filwaqt li xorta jinżamm l-għan ambizzjuż li jissaħħu l-preparatezza u l-kapaċità ta' rispons tal-Unjoni, inkluż theddid transkonfinali serju għas-saħħa. Il-Presidenza Daniża ser tikkoopera mal-Presidenza Ċiprijotta li jmiss bit-tama li l-proposti ta' kompromess taħt il-presidenza Daniża jipprovdu bażi solida għal progress sinifikanti taħt il-presidenza Ċiprijotta.
19. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota tal-progress li sar fl-eżami tal-proposta UCPM-HER.

---

PUBLIC

d